IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.7.2014
COM(2014) 481 final

2014/0220 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-konklużjoni ta' Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll").

Skont l-Att ta' Adeżjoni tagħha, il-Kroazja se taderixxi mal-ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta’ protokoll ma' dawk il-ftehimiet.

Il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim", ġie ffirmat f'Ġakarta fid-9 ta' Novembru 2009 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.

B'segwitu tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' .... 2014 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll kien iffirmat fi... fi.....

Il-Protokoll propost jinkorpora r-Repubblika tal-Kroazja bħala parti kontraenti għall-Ftehim. It-testi tal-Ftehim u l-Att Finali fil-lingwa Kroata huma annessi mal-Protokoll u ser isiru awtentiċi taħt l-istess kundizzjonijiet tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn tal-Ftehim.

Il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mid-data tal-iffirmar tiegħu.

Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex jikkonkludi, f’isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll.

Il-Parlament Ewropew se jiġi msejjaħ biex jagħti l-kunsens tiegħu għall-Protokoll.

2014/0220 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218 (6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew;

Billi

(1) Skont it-termini tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, għandu jkun hemm qbil dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra[1] ("il-Ftehim"), permezz ta' protokoll għal dan il-Ftehim. F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni, għal tali adeżjoni għandha tapplika proċedura ssimplifikata, li permezz tagħha jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiżi terzi kkonċernati.

(2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati[2]. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea kien iffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi […] fi […].

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensiva bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-

[1] ĠU L 125, 26.4.2014, p. 17.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

Indoneżja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea kien approvat f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jinnomina lill-persuna bis-setgħa li tagħti, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, in-notifika prevista fl-Artikolu 4(1) tal-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President